MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-13 ta' Awwissu, 2015

Rikors Numru. 607/2015

Fl-Atti tar-Rikors għall-ħruġ ta’ Kontro-Mandat għall-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju numru 969/15 fl-ismijiet:

Avukat John **REFALO** bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta’ estera Jiaxing Stone Industries Limited

vs

**CALIBRE CONSULTANTS LIMITED** u Steel Eagle Commerce Limited (C – 46938)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq mill-kumpannija sekwestrata eżekutata Steel Eagle Commerce Limited (aktar 'il quddiem imsejħa "l-eżekutata") fit-23 ta' Ġunju, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet (a) li l-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi, maħruġ kontriha (u terza persuna oħra) fuq talba tal-kumpannija intimata eżekutanti (aktar 'il quddiem imsejħa "l-eżekutanti"), għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u (b) li l-Qorti tikkundanna lill-istess eżekutanti għall-ħlas ta' penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8)(b) u (d) tal-istess Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Ġunju, 2015, li bih ordnat in-notifika lill-eżekutant *nomine* u tatu żmien biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu għat-talbiet tar-rikorrenti eżekutata;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-eżekutant *nomine* fis-7 ta' Lulju, 2015, li biha u għar-raġunijiet hemm dettaljatament imfissrin, laqa' għat-talbiet tal-eżekutata billi qal li la hemm raġunijiet għalfejn il-Mandat għandu jitħassar u lanqas biex il-Qorti timponi kontra l-eżekutanti l-penali talli talbet il-ħruġ tal-Mandat;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Lulju, 2015[1], li bih u fuq talba magħmula mill-eżekutata b'rikors tagħha tal-20 ta' Lulju, 2015, ċaħdet it-talba li l-Qorti tisma' t-trattazzjoni tal-avukati tagħha dwar jekk kenitx il-kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet tal-istess eżekutanti;

Rat l-atti tar-rikors u tal-Mandat li għalihom jirreferi[2];

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn dak li joħroġ mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrenti eżekutata qiegħda titlob it-tneħħija minn fuqha għal kollox tal-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju maħruġ kontriha (u ħaddieħor) mill-eżekutant *nomine*. Hija qiegħda titlob ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-eżekutanti għall-ħlas ta' penali;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ kontra r-rikorrenti eżekutata (u persuna legali oħra) fil-15 ta' Ġunju ta' din is-sena. Il-Mandat inħareġ dwar pretensjoni ta' kreditu ta' mija u sitta u erbgħin elf tliet mija u tmien euro u tnejn u sebgħin ċenteżmi (€ 146,308.72) bħala "ammont dovut għall-bejgħ u spedizzjoni ta' diversi prodotti li jifformaw il-mertu ta' proċeduri fl-ismijiet premessi li se jiġu intavolati fil-jiem li ġejjin". Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, u ġie notifikat lil disa' (9) sekwestratarji, wħud minnhom banek kummerċjali. Wieħed mis-sekwestratarji (bank kummerċjali) iddikjara li kellu depożitati għandu xi flejjes f'isem l-eżekutata u għadda biex

[1] Paġ. 109 tal-atti
[2] Xieraq jingħad li l-Mandat kawtelatorju li dwaru tressqet din il-proċedura mhuwiex il-Mandat numru169/15 iżda l-Mandat numru 969/15

iddepożitahom b'ċedola taħt l-awtorita' tal-Qorti fit-8 ta' Lulju, 2015[3]. Mill-imsemmija ċedola, jidher li, flimkien mal-Mandat mertu ta' din il-proċedura, l-eżekutanti ħarġet ukoll Mandat kawtelatorju ieħor kontra l-istess rikorrenti eżekutata (u terza persuna oħra) dak inhar ukoll. L-eżekutant *nomine* fetaħ kawża kontra l-eżekutata u kontra l-persuna l-oħra li kontriha nħareġ il-Mandat fis-6 ta' Lulju, 2015[4];

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ, mir-rikors jidher li l-eżekutata tibni t-talba tagħha għat-tħassir tal-Mandat fuq il-kawżali maħsuba taħt l-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12. Matul il-kors tal-istess rikors, issemmi wkoll it-tħaddim tal-artikolu 838A, iżda dwar dan ma tressaq l-ebda talba formali. Kif ingħad, tressaq ukoll talba għall-kundanna tal-ħlas ta' penali taħt l-artikolu 836(8) tal-istess Kodiċi;

Illi xieraq jingħad li ladarba l-Mandat inħareġ kontra aktar minn persuna waħda, it-talba li ssir minn parti waħda eżekutata ma jistax ikollha l-effett li tgħin jew tgħodd ukoll għal xi persuna oħra li kontra tagħha wkoll ikun inħareġ il-Mandat. Għalhekk, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, jekk kemm-il darba t-talbiet tal-eżekutata kellhom jintlaqgħu, dan ikollu l-effett biss li jħassar il-Mandat safejn jirrigwarda lill-eżekutata u mhux ukoll lill-persuna l-oħra li kontriha nħareġ. Dwar it-tieni sottomissjoni, l-Qorti tagħraf li formalment fl-ewwel talba tiegħu, l-eżekutat invoka żewġ kawżali biss mill-artikolu 836(1) minflok tlieta;

Illi kif ingħad, f'dan il-każ ir-rikorrenti eżekutata tibni t-talbiet tagħha fuq żewġ (2) kawżali:

A) L-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv [Art. 836(1)(d)]. L-eżekutata tibni din il-kawżali (bħalma jidher li tibni l-mottiv kollu tat-talbiet tagħha f'din il-proċedura) fuq l-argument li hija ma għandha x'taqsam xejn mal-pretensjonijiet dedotti mill-eżekutanti u li ma hijiex il-kontradittriċi leġittima ta' dawk il-pretensjonijiet;

[3] Dok "B", f'paġġ. 107 – 8 tal-atti
[4] Rik. Nru. 654/2015MCH (imqiegħda għas-smigħ għat-28.10.2015)

Illi l-eżekutant *nomine* jwarrab dan l-argument u jisħaq li l-pretensjonijiet kellhom u setgħu jitressqu kontra l-eżekutata u li l-kwestjoni dwar min hu jew mhuwiex il-kontradittur leġittimu ta' tali pretensjonijiet hija kwestjoni li għandha tkun mistħarrġa u maqtugħa mill-Qorti li quddiemha nfetħet il-kawża u mhux minn din il-Qorti fi proċedura bħal din;

Illi l-Qorti tasal biex taqbel mal-eżekutanti f'dan ir-rigward għaliex il-kwestjoni ta' min għandu jwieġeb għall-pretensjonijiet tal-eżekutanti u dwar jekk il-qrati Maltin għandhomx ġurisdizzjoni, ma jolqtux is-siwi tal-Mandat bħala tali, imma huma kwestjonijiet li hija biss il-Qorti li jmissha tisma' l-kawża li trid tiddeċidihom wara li jitressqu l-provi u jsiru s-sottomissjonijiet meħtieġa li l-partijiet jidhrilhom li għandhom iġibu 'l quddiem;

Illi, b'żieda ma' dan, il-fatt li l-eżekutata ma tqisx lilha nnifisha bħala l-kontradittriċi leġittima tal-pretensjonijiet tal-eżekutanti ma jġibx b'daqshekk li l-ammont mitlub fil-Mandat huwa wieħed eċċessiv jew mhux mistħoqq mad-daqqa t'għajn;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimata eżekutanti għandhiex bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslitx biex "tillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnha maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[5];

[5] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet **Vincent Merċieca vs George Galea**

Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[6];

Illi l-Qorti mhijiex f'qagħda li tgħid minn issa jekk dan huwiex minnu jew le, għaliex, kif ingħad qabel, din hija ħaġa li trid tirriżulta mill-provi quddiem il-Qorti li quddiemha tressqet il-kawża fil-mertu;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma ssibx li l-eżekutata tatha raġuni tajba biex tordna t-tħassir tal-Mandat fuq din il-kawżali;

B) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Jidher li din il-kawżali tinbena wkoll fuq dak li ssemma fil-kawżali ta' qabel mill-eżekutata;

Illi, tajjeb jew ħażin, minbarra dan biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhomx jedd għall-ħlas fl-ammonti minnhom pretiżi, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[7]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimati eżekutanti;

---

[6] Ara, per eżempju, PA GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.**

[7] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet **Spiteri vs Camilleri** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona**

Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[8]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;

Illi ladarba l-eżekutata ma ssemmi l-ebda raġuni oħra li tista' twassal lill-Qorti biex tqis is-siwi ta' din it-talba tagħha, il-Qorti jkollha toqgħod fuq il-konsiderazzjonijiet li saru minnha taħt il-kawżali ta' qabel;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrenti eżekutata seħħilha tagħtiha raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar lanqas fuq din il-kawżali;

Illi, kif ingħad, ir-rikorrenti eżekutata talbet ukoll ir-rimedju tal-kundanna tal-intimat eżekutant *nomine* għall-ħlas ta' penali[9];

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[10], iżda biżżejjed jekk tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din

[8] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et**
[9] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12
[10] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.**

id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[11]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż[12];

Illi f'dan il-każ, fit-tieni talba tiegħu r-rikorrent eżekutat jirreferi għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(8)(b) u tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12;

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, il-liġi trid li qabel ma jinħareġ Mandat (u sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ċari ta' urġenza) l-eżekutant jitlob lid-debitur tiegħu fi żmien ħmistax-il jum, biex iħallsu d-dejn li għandu miegħu. Daqstant ieħor trid li, wara li jkun inħareġ il-Mandat, l-eżekutat jitlob lill-eżekutant biex ineħħi l-Mandat u dan tal-aħħar jonqos li jagħti raġuni tajba biex iżomm dak il-Mandat fis-seħħ;

Illi t-talba li ssemmi l-liġi ma tridx tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali[13], u biżżejjed tkun waħda verbali. Fil-każ tal-lum, ir-rikorrenti eżekutata ma weriex kif il-Qorti tista' tasal biex timponi l-penali fuq l-eżekutant taħt din ir-raġuni. Minbarra li ma jsemmix x'inhi r-raġuni, ħareġ li l-eżekutanti ma kenitx naqset milli titlob lill-eżekutata l-ħlasijiet lilha dovuti. Huwa minnu li l-eżekutata allegat nuqqasijiet f'xi wħud mill-konsenji mibgħuta lilha mill-eżekutanti u li din ma riditx tersaq mal-mejda tan-negozjati biex tiddiskutihom, imma dan ma jġibx fuq l-eżekutanti l-piena tal-penali, filwaqt li jikkonferma li kien hemm talbiet reċiproki dwar krediti pendenti;

Illi fil-fehma tal-Qorti, ma jirriżultawx l-estremi biex tapplika s-sanzjoni tal-penali taħt din il-kawżali;

---

[11] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Rapa vs Raymond Sammut**
[12] P.A. RCP **17.6.2010** fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Borġ. Pro et noe vs Joseph Paċe noe et**
[13] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet **Rapa vs Sammut** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.142**)

Illi dwar it-tieni ċirkostanza, il-liġi titlob li l-persuna eżekutata bi ħruġ ta' Mandat turi b'raġuni u b'mod tajjeb biżżejjed li l-parti eżekutanti kienet imxiet b'ħażen jew b'mod fieragħ u vessatorju fil-ħruġ tal-Mandat. Waħda minn dawn it-tliet raġunijiet tkun biżżejjed, imma l-prova ta' mqar waħda minnhom trid issir minn min jallega li l-Mandat ikun inħareġ kontrih;

Illi, kif ingħad, l-eżekutata tillimita ruħha biex tgħid li hija ma hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-eżekutanti u għaldaqstant din mexxiet kontriha bil-ħruġ tal-Mandat bla ebda ġustifikazzjoni u b'mod abbużiv. Min-naħa tagħha, l-eżekutanti tisħaq li l-eżekutata wasslitha biex tieħu dak il-pass minħabba ċirkostanzi li setgħu iqegħdu f'periklu l-ħlas tal-ammonti pretiżi;

Illi huwa minn ewl id-dinja li min jippretendi li għandu jitħallas jinqeda bil-mezzi li tagħtih il-liġi ħalli jiżgura dak il-ħlas. B'daqshekk ma jfissirx li jkun mexa bi frodi, b'mod fieragħ jew b'abbuż tal-proċess ġudizzjarju;

Illi l-Qorti ma ssibx li, f'dan il-qafas, jeżistu l-elementi biex tasal għall-fehma li t-talba għall-kundanna tal-penali hija mistħoqqa taħt il-kawżali msemmija. Il-Qorti qieset li diġa' ntwera li ma jeżistux ir-raġunijiet għat-tħassir tal-Mandat u li l-intimat eżekutanti kellu u għad għandu raġunijiet tajbin biżżejjed biex jitlob il-ħruġ tal-Mandat. Dan iġib l-effett li ma jistax jingħad li l-Mandat inħareġ b'ħażen, jew għal raġuni fiergħa jew inkella bil-ħsieb biss li jdejjaq lir-rikorrenti eżekutata;

Illi għalhekk il-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq ma jirriżultawlhiex raġunijiet tajbin biżżejjed biex timponi l-kundanna għall-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[14]. F'dan il-

[14] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut**

każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[15];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talbiet** tar-rikorrenti eżekutata, billi mhumiex mistħoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt, bl-**ispejjeż** kontriha;

Mogħti kameralment illum, il-Hamis, it-13 ta' Awwissu, 2015.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[15] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet **Miller Blacker pro et noe vs Howard** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)